### KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 34

It-Tnejn, 22 ta’ April, 2013

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fis-6.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margaret Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sur Stephen Sultana, Sindku Sta. Venera, is-Sinj. Rita Borg, Vici Sindku Birkirkara u s-Sur Keith Tanti Sindku Tal-Pieta`.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 33 li saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2013, kienu approvati unanimament.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

Il-President qal li wara l-hatra ta' President gdid tar-Regjun, issa ghandu jinhatar Vici President gdid. Huwa staqsa min kien interessat ghal din il-kariga. Is-Sur Joe Camilleri, ssekondat mis-Sinj. Margaret Baldacchino Cefai wera l-interess tieghu ghal din il-kariga. Minhabba li s-Sur Camilleri kien l-unika membru interessat ghal din il-kariga, ir-Regjun Centrali unanimament approvah bhala Vici President tar-Regjun Centrali.

Is-Sur Camilleri rringrazzja lil kulhadd tal-fiducja fih u wieghed li ser ikompli jahdem ghall-gid tar-Regjun.

## APPROVAZZJONI TA' L-UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2012

Gew prezentati l-unaudited financial statements tar-Regjun Centrali ghas-sena 2012 (Appendici A). L-*accountant* tar-Regjun, Brendan Camilleri f'isem Nexia BT ta spjega taghhom u kjarifika xi mistoqsijiet li kien hemm.

Wara li saret spjega u diskussjoni dwarhom il-President, issekondat mill-Vici President ressaq mozzjoni sabiex jigu approvati dawn il-Financial Statements. Il-Kumitat unanimament approva il-Financial Statements ghall-perjodu li jaghlaq 31 ta' Dicembru, 2012.

Il-President talab li jibdew isiru l-Quarterly Financial Reports sabiex ir-Regjun ikollu stampa tal-qaghda finanzjarja aktar frekwenti.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qabel mal-President u qal li l-*financial statements* tas-sena 2012 kienu qed jigu prezentati ftit tard minhabba li dawk tas-sena 2011 kienu gew approvati f'Settembru li ghadda. Wara dan setgha jibda x-xoghol fuq is-sena 2012. L-affarijiet issa jinsabu aktar ordnati u ghalhekk dawn ir-rapporti jistghu jibdew isiru.

## IS-SERVIZZI TA' GBIR TA' FLUS MILL-KUNSILLI LOKALI MINN KUMPANIJI TAS-SIGURTA` U S-SERVIZZI TAS-SINJALI U L-MARKI TAT-TOROQ

Il-President qal li kienet tressqet l-idea biex spejjez li jsiru mill-Kunsilli Lokali dwar sinjali u marki tat-toroq kif ukoll spejjez relatati mal-gbir ta' flus mill-Kunsilli Lokali minn kumpaniji tas-sigurta`, jibdew jithallsu mir-Regjun minhabba li dawn huma spejjez li jaghmlu l-istess Kunsilli Lokali minhabba s-sistema ta' l-infurzar lokali.

Ghaldaqstant ippropona li dawn il-hlasijiet jibdew isiru mir-Regjun.  Izda qabel ghandu jingieb il-permess mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mill-AKL.  Issugerixxa wkoll li l-Kunsilli Lokali jgibu l-kontijiet ta' l-ahhar tliet snin relatati ma' dawn is-servizzi sabiex ir-Regjun ikollu idea tal-figuri involuti.

Is-Sur Sultana qal li ghalkemm il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera m'ghandux is-servizz ta' gbir ta' flus minn kumpaniji tas-sigurta`, il-Kunsill ikun interessat li jippartecipa.

Is-Sur Tanti qal li dwar zebgha ta' marki tat-toroq, il-Kunsill Lokali Tal-Pieta` jixtri biss iz-zebgha u x-xoghol jaghmluh il-haddiema tal-Kunsill.

Kien hemm qbil li jintalab il-permess mid-Dipartiment u mill-AKL u jekk ir-risposta tkun fil-pozittiv, tinstab formula kif jigi mqassam il-hlas.

**SERVIZZI MEHTIEGA MIR-REGJUN**

***Scanning ta' dokumenti***

Il-Vici President qal li minhabba l-volum kbir ta' dokumenti li qed jigu akkumulat mit-Tribunal, issugerixxa li jibda jsir *scanning* tad-dokumenti kollha tas-seduti tat-tribunal.

Kien hemm qbil dwar dan u kopja tad-dokument ta' l-offerta tintbghat lil kulhadd qabel tigi ppublikata.

***Hlas ta' multi pendenti***

Dwar il-multi pendenti, il-Vici President qal li kien tkellem ma' numru ta' avukati li kienu lesti jibghatu ittri ufficjali lil min ghad ghandu multi pendenti u huma jiehdu *commision* fuq dawk il-multi li jithallsu.  Huwa qal li sa laqgha ohra ser ikollu aktar dettalji.  Kien hemm qbil dwar dan.

**MISTOQSIJIET**

Is-Sur Stephen Sultana qal li il-cctv ta' hdejn il-LIDL ta' Santa Venera ma kenitx qed taqdi l-iskop taghha.  Ghalhekk talab biex din tibda taqbad irregolaritajiet ohrajn fl-area.  L-Authorised Officer qal li kien ser jiltaqa' mas-Sur Sultana fuq il-post dwar dan.

L-Authorised Officer qal li saret talba mill-Kunsill ta' H'Attard sabiex titnehha l-cctv ta' hdejn il-Maypole.  Huwa staqsa jekk il-Kumitat jaqbilx li din il-cctv titnehha u minflok tehel San Giljan fir-roundabout ta' Portomaso.  Ma kienx hemm oggezzjoni ghal dan.

Saret ukoll talba mill-Kunsill tal-Gzira dwar il-possibilta` li titwahhal camera minhabba l-*ispeeding* fix-xatt tal-Gzira.  L-Authorised Officer qal li kien ser jara dwar din il-possibilta` ma' TM.  Talba simili saret minn Tal-Pieta` ghal camera fi Triq ix-Xatt u l-Authorised Officer ghandu jara dwar dan ukoll.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

Il-President staqsa dwar x'inhu l-aktar hin komdu sabiex issir il-laqgha. Gie deciz li l-ahjar hin ikun il-5.30pm.

Il-President ippropona wkoll li jekk ghal xi laqgha ma jkunx hemm *quorum*, certu hlasijiet ta' servizzi rikorrenti ghandhom jithallsu u l-approvazzjoni tal-hlas taghhom tigi ratifikata fil-laqgha ta' wara. Kien hemm qbil dwar dan.

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-Vici President, ssekondat mis-Sur Anthony Chircop ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 34. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

**TMIEM**

Fit-7.45pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President